FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.

**Seduta tal-25 ta' Ġunju 2019**

**Rikors Numru 108/2017 SG**

**Wara l-atti tal-ittra uffiċjali 1598/2016 a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Lmited (C 46054) f' isimha proprio u għan-nom ta' Enemalta Plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**Edward Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 18 ta' April 2017 li permezz tiegħu ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti Edward Gatt ippremetta:-

*"Illi b' ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 2016 Arms Limited ippreżenta ittra uffiċjali kontra r-rikorrent fejn talbu biex iħallas kont pendenti ta' EUR 2,593.74c rigwardanti konsum ta' ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, 'connection u disconnection fees' flimkien ma' imgħax dovut fuq l-ammont skond il-liġi relatat mal-kontjiet tas-servizzi utli*

*bin-numru 101000173188 ossija dwar il-fond ground floor 58 garage fi Graham Court, Graham Street, Sliema.*

*Illi r-rikorrent qed jopponi din it-talba billi jippreżenta r-rikors odjern li fih qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba tal-intimat Arms Limited et bħala waġda infondata u dan ai termini ta' l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rikors għandu jiġi notifikat lill-Arms Limited et li jkollu d-dritt jippreżenta risposta fi żmien 20 ġurnata minn notifika ta' l-istess.*

*Illi huwa mhux legalment notifikat skond il-liġi stante illi huwa ma rċeviex id-dokumenti annessi mal-ittra uffiċjali markata bhala Dokument A u għalhekk in-notifika li saret lilu bl-affissjoni hija waġda invalida.*

*Illi l-esponenti m' għandu jagħti xejn lill-intimat Arms Limited et stante illi huwa ma kkonsma l-ebda dawl u ilma mill-fond in kwistjoni mill-1999 u l-anqas talab għal 'connection u disconnection' tas-servizz peress li kien biegħ l-istess fond u għalhekk kull talba ta' Arms Limited hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156f tal-Kap 16 tal-Ligġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti ilu li biegħ il-proprjeta' imsemmija b' kuntratt tat-30 ta' Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela lil Titus Wole Odedun ta' 132/3 Tower Road, Sliema, li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument EG1.*

*Illi jekk l-eċċezzjonijiet preliminari ma jintlaqgħux min din il-Qorti r-rikorrenti lest li għandu jingħata lilu l-ġurament deċiżorju u jistqarr li huwa mhux debitur.*

*Illi l-intimat irid iġib il-prova min talab il-'connection jew disconnection' tas-servizz stante li huwa ma kellux x' jaqsam mal-fond mill-1999.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tididkjara li t-talba magħmula mill-Arms Limited et hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk ir-rikorrenti Edward Gatt għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għar-raġunijiet fuq imsemmija u jew se mai m' għandux jiġi kkundannat iħallas l-ammont mitlub stante li huwa preskritt skond il-liġi u minħabba l-fatt li l-proprjeta'*

Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited tat-28 ta' Ġunju 2017 li taqra hekk:

"1. *Illi nonostante dak li ntqal fir-rigward ta' l-invalidita' tan-notifika tal-ittra uffiċjali promotorja, il-fatt li r-rikorrenti ppreżenta rikors ai termini ta' l-artikolu 466 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta juri li huwa taċitament ta ruħu b' notifikat bl-istess u għalhekk kull nuqqas, jekk jeżisti, huwa sorpassat u ma għandu bl-ebda mod jannulla jew jivvizzja l-proċedura odjerna.*

2. *Illi l-kont indikat fl-ittra uffiċċjali promotorja dik bin-numru 1598/2016 datata 22 ta' Ġunju 2016 u ċjoe' 101000173188 minn dejjem kien reġistrat f' isem ir-rikorrenti Edward Gatt u baqa' hekk reġistrat f' ismu sa meta ġie definittivament magħluq minġabba nuqqas ta' ħlas, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dar-rikors.*

*3. Illi għalhekk ir-responsabbilita' għall-ġlas ta' l-istess kont hija u baqgħet tar-rikorrenti.*

*4. Illi l-fatt li r-rikorrenti biegħ il-fond fejn kien hemm is-servizz ma jfissirx li huwa ma baqax responsabbli għall-ħlas tal-kont in kwistjoni. Ir-responsabbilita' f' das-sens tieqaf biss meta huwa jippreżenta applikazzjoni korretta u bid-dokumentazzjoni meħtieġga għat-trasferiment tal-kont għal fuq ħaddieħor.*

*5. Illi għalhekk ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ndikat mir-rikorrenti ma tissusstix.*

*6. Illi għaldaqstant u b' riżerva għall kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tinġieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-soċjeta' esponenti pro et nomine titlob li din l-istess Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti bħala migħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċjali numru 1598/2016 ppreżentata ai termini ta' l-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda prodotta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda prodotta, irriżulta li l-kont bin-numru 101000173188 huwa reġistrat f' isem ir-rikorrenti. Fil-11 ta' Awissu 1999, tħallas il-bilanċ kollu relattiv għal dan il-kont, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Rueben Bonniċi mogħtija fit-30 ta' April 2018. Irriżulta wkoll li fit-30 ta' Ġunju 1999, sar kuntratt ta' bejgħ fejn Edward Gatt biegħ il-proprjeta' li fiha kien hemm reġistrat dan il-kont partikolari lil Titus Wole Odedun (fol 5 sa 11).

Minn wara l-11 ta' Awissu 1999, ma sarux pagamenti regolari biex jitħallas il-bilanċ dovut sakemm fit-23 ta' Novembru 2005 sar ħlas ta' Lm 120 minn ċertu Emanuel Cauchi li kien membru tal-familja ta' Titus Odedun (Vide xhieda mogħtija minn Rueben Bonniċi fit-18 ta' Ġunju 2019). F' dik l-istess data, ġiet mgħoddija informazzjoni fis-sens li huwa Titus Odedun li huwa responsabbli għall-kontijiet fuq dan il-kont u li in fatti kien qed isir tali ħlas ta' Lm 120 akkont in vista li Odedun kien tramite r-rappreżentant tiegħu Emanuel Cauchi, ser jikkontesta r-rata li biha kien qed jinħadem dan il-kont stante li kienet qed tigi użata rata kummerċjali u mhux domestika jew residenzjali. Dan jirriżulta mix-xhieda mogħtija minn Rueben Bonniċi fit-18 ta'Ġunju 2019 u kif ukoll mid-dokument eżebit bħala Dok BB1.

Irriżulta wkoll li fit-23 ta' Novembru 2005, l-indirizz postali fejn kellhom jintbagħtu l-kontijiet relatati ma' dan il-kont ġie mibdul għall-indirizz ieħor mgħoddi lill-uffiċjali mill-istess Cauchi u in fatti, l-indirizz ġie jaqra 207, Triq il-Balliju Guttenberg, Msida. Bonniċi kkonferma fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2019 li l-formola għal tali bdil kellha tiġi ffirmata mis-sid reġistrat ossija Edward Gatt, iżda f' dan il-każ, il-formola mtliet minn Emanuel Cauchi 9Vide xhieda mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2019 u Dok BB2).

Irriżulta mix-xhieda li sa mid-19 ta' Awissu 2004, Edward Gatt kien informa lil min huwa kkonċernat li huwa kien biegħ l-proprjeta' tiegħu u min-notamenti riżultanti f' Dok BB1, jidher li anke l-*c/o address* ta' 54, Triq il-Fanal, Għasri, ġie mneħħi u l-kont beda jintbagħat fl-indirizz tal-proprjeta'. Min-notamenti mill-istess Dok BB1 jirriżulta li fit-2 ta' Awissu 2005, ġie indikat li n-nutar ta' min qed jabita f' dan il-post relatat mal-kont in eżami kien qiegħed jikkuntatja miegħu fuq dawn il-bilanċi dovuti. Dan huwa in linea wkoll mad-dokumenti eżebiti a fol 170 u 171. Minn dokument BB1, jirriżulta li s-servizz ta' l-elettriku ġie sospiż fid-19 ta' Novembru 2009.

Irriżulta li sussegwentement ġew imħallsa *new service fees* u għalhekk dan il-kont beda jgħajjat lil xi ħaddieħor (Vide xhieda ta' Rueben Bonniċi mogħtija fit-30 ta' April 2018. Ġie kkonfermat li qatt ma ġiet mimlija l-formula apożita da parti ta' Edward Gatt sabiex dan ma jibqax reġistrat fuq dan il-kont in eżami.

Jirriżulta li s-socjeta intimata ARMS Limited baghtet l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna fit-22 ta' Ġunju 2016 iżda ma jirriżultax jekk qabel tali data l-istess soċjeta qatt bagħtet xi interpellazzjoni ġudizzjarja oħra. Jirriżulta wkoll li l-ammonti jirrigwardaw bilanċi dovuti minn wara l-11 ta' Awissu 1999 sat-22 ta' Ġunju 2016.

Jirrizulta, illi ir-rikorrent indika l-Artkolu 2156 (f) tal-Kap 12 u sostna li s-somma mitluba mis-socjeta ARMS Limited hija milquta mill-periodu preskrittiv ta' hames snin.

Din il-Qorti tqies li l-ammonti kollha dovuti sa qabel it-22 ta' Ġunju 2011, huma milquta mill-perijodu preskrittiv ta' ħames snin. Mid-dokument a fol 30, jirriżulta li sas-26 ta' Mejju 2011, kien hemm bilanċ dovut fl-ammont ta' EUR 1,794.93c mentri fid-dokument a fol 154 jirriżulta li sas-6 ta' Ġunju 2011, kien hemm bilanċ dovut ta' EUR 1,815.65c.

Addizzjonalment, din il-Qorti hija tal-fehma illi ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ juru li minkejja li ma sarx il-mili tal-formula għall-bdil tas-sid reġistrat ta' dan il-kont minn fuq isem ir-rikorrenti ghal fuq isem is-sid il-ġdid, l-uffiċjali konċernati kienu ampjament infurmati anke permezz tal-istess kuntratt ta' bejgħ li l-proprjeta' li magħha kien marbut l-istess kont kienet għaddiet għand sid ġdid. Dan is-sid ġie wkoll rikonoxxut mill-istess uffiċjali tant li ġiet milqugħa talba sabiex is-servizz ma jiġix sospiż in vista li s-sid il-ġdid kien imsiefer (Vide Dok BB1 notament tat-2 ta' Awissu 2005); ġiet aċċettata talba għal bdil ta' l-indirizz fejn kellhom jintbagħtu l-kontijiet relattivi (Vide Dok BB1 notament tat-23 ta' Novembru 2005); u saret dikjarazzjoni fis-sens li l-bilanċi kienu responsabbilita' tas-sid il-ġdid(Vide Dok BB1 notament tat-23 ta' Novembru 2005).

Din il-Qorti tqies li fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, tressqu provi sodisfaċenti li r-rikorrenti ma kellux x' jaqsam mal-fond in kwistjoni sa mis-sena 1999.

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda f' dawn iċ-ċirkostanzi, tiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta intimata fir-rigward tal-hlasjiet li huma dovuti

qabel id-data tat-22 ta' Ġunju 2011 fuq il-kont 101000173188 ossia dwar il-fond bl-indirizz Grd Flr 58, Graham Crt, Triq l-Graham, Sliema ammontanti għal EUR 1,815.65c huma preskritti skond l-artikolu 2156 (f) u kif ukoll tiddikjara li qegħda tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors promotur anke fir-rigward tal-pendenti ammonti li ma rriżultawx li huma preskritti ossija l-ammonti li kienu dovuti minn wara t-22 ta' Ġunju 2011 sat-22 ta' Ġunju 2016, fis-sens li qegħda tiddikjara t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 1598/2016 datata 22 ta' Ġunju 2016 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 bħala waħda nfondata u li m'għandhiex tiġi eżegwita bħala titolu eżekuttiv.

L-ispejjez a kariku tal-Awtorita' intimata.

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |